# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 939

KAZ NRU. 1200

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Bugeja

u

Elesolar Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 23 t'April, 1998

**Chairman : Is-sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 15 ta' Dicembru, 1997 Referenza MHS/T1/93/97 biex tigi processata skond il-Provvediment ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm zewg (2) seduti.

Is-sur Joseph Bugeja aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukat Gordon Cutajar.

Elesolar Co Ltd aktar 'il quddiem tissejjah il-kumpanija kienet assistita mill-avukat Andrew Borg Cardona.

**Xhieda**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Debattista | - | General Manager |
| Paul Abela | - | Managing Director |
| Boris Scerri | - | Financial Controller |
| Jesmond Mallia | - | Electrical Draughtsman |
| Norman Zammit | - | Electrical Engineer |
| Joseph Bugeja | - | l-appellant. |

**Il-Meritu tal-Kaz**

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz l-appellant jghid li fl-4 ta' Ottubru, 1993 beda jahdem mal-kumpanija bhala Electrical/ELV design-draughtsman. Ftit taz-zmien wara kien dahal mal-kumpanija ex-kollega tieghu biex jahdem fl-istess xoghol bhalu. Huma kienu jaghmlu l-istess xoghol, kellhom l-istess responsabilitajiet kif ukoll l-istess paga.

Meta l-kumpanija ddecidiet li twaqqaf xi nies mix-xoghol minhabba nuqqas ta' xoghol waqfet lilu u mhux lil min dahal jahdem warajh. Waqt li f'sezzjoni ohra ta' l-istess ufficcju gie mwaqqaf dak li gie mpjegat l-ahhar.

L-appellant qal li l-kumpanija ghamlet dawn it-tkeccijiet mill-impjieg jumejn wara li ntlahaq ftehim fuq progett ta' xoghol kbir f'Ghawdex. Sostna li gie mwaqqaf mill-impjieg tieghu ngustament.

Il-kumpanija fl-istqarrija tal-kaz qalet li dan it-Tribunal ma ghandux gurizdizzjoni illi jisma' dan il-kaz stante illi l-istess kaz jitratta terminazzjoni da parti ta' l-appellant ta'

l-impjieg tieghu stess permezz ta' rizenja. Il-kumpanija qalet li l-appellant kien gie mgharraf waqt laqgha li saret fit-13 ta' Ottubru, 1997 illi jekk l-affarijiet ma jirrangawx sa' l-ahhar ta'dak ix-xahar kien jigi dikjarat "redundant". Huwa fatt illi l-appellant stess fis-17 ta' l-istess xahar kien avvicina lid-dirigenti ta' l-appellati u qallhom illi sab xoghol iehor u kien ser jitlaq. Fl-ebda hin ma lmenta l-appellant illi kien qed jaghmel dan ghax l-impjieg tieghu kien gie tterminat irregolarment, sempliciment irrizenja u la ta u lanqas thallas "notice".

**Kunsiderazzjonijiet**

Is-sur J. Debattista, General Manager, xehed fil-5 ta' Frar, 1998 li l-kumpanija kienet ghaddejja minn zmien li kien naqsilhom hafna x-xoghol u nehhew hafna nies. Fejn jahdem l-appellant id-drawing office, l-istess naqas ix-xoghol fejn tlieta min-nies fil-fatt li kienu mid-drawing office gew moghtija n-"notice". Wara tliet t'ijiem jew erba't'ijiem, l-appellant mar ghandu, qallu biex jaghmillu *reference*, fejn ghamililu ghax huma ma kellhom xejn kontrieh. Qal li qallu li sab xoghol iehor fejn fil-fatt qallu li ha jitlaq.

Ix-xhud qal li l-kontijiet saru kollha u li kien tieghu hadu kollu. L-appellant kien hu li rranga biex jitlaq tant li fil-fatt telaq qabel ma spicca n-"notice". Wiehed mid-draughtsmen baqa' hemmhekk fejn fl-ahhar dahal ix-xoghol partikolari fejn ghadu sal-lum jahdem.

Fl-ittra ta' referenza x-xhud nizzel il-kelma "redundant". Qal li meta nizzel hekk ghax ried li r-referenza tirrifletti li hu kien haddiem tajjeb. Qal li din ir-referenza saret meta huwa stess qallu li kien sab xoghol iehor.

Is-sur Paul Abela, Managing Director xehed fil-5 ta' Frar, 1998 "li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ma kienx fuq is-sur Bugeja biss izda kien numru ta' bejn tletin jew erbghin li spiccajna mix-xoghol, il-kumpanija ma kelliex xoghol u kulhadd kien avzat bis-sitwazzjoni.

Boris Scerri, Financial Controller tal-kumpanija xehed fid-19 ta' Frar, 1998 li l-appellant kien qallu, "jien sibt job iehor, qallu li mhux ser nahdem in-notice li ghandi sa l-ahhar. Qal li xtaq jibda *as soon as possible* in-naha l-ohra". Ix-xhud qal li kien qal b'dana kollu lis-sur Paul Aquilina, Managing Director u qallu, "le taqtghalu xejn tan-notice" qallu "nohorgulu l-paga ta' li jkun hadem u leave li hemm *due*". Hadimlu kollox qabel ma telaq minn maghhom.

Jesmond Mallia, Electrical Draughtsman xehed 5 ta' Frar, 1998 li kienu gabruhom u kienu taw in-notice lil tlieta minnhom.

Norman Zammit, Electrical Engineer xehed fil-5 ta' Frar, 1998 li s-sur Bugeja dahal qabel is-sur Jesmond Mallia.

Xehed l-appellant fid-19 ta' Frar, 1998 fejn qal li fit-13 ta' Ottubru kienu gew imsejjha fl-ufficcju tas-sur Abela fejn qalilhom li ser ikollu jwaqqaf in-nies, dawn kienu s-sinjorina Tina Mallia, Joseph Bartolo u hu. Qal li hu bedá jfittex ghal job iehor fejn appena sab post mar biex jinforma minnufih li s-sur Debattista il-General Manager.

hu gie "redundant" u mieghu saret diskriminazzjoni ghax il-principju baziku hu ta' *last in first out.* Dan il-punt il-kumpanija njoratu kompletament. Li fittex ix-xoghol bhala kap ta' familja qal zgur li ma ghamel xejn hazin.

L-appellant sostna li rizenja ma tohrog assolutament minn imkien qal li l-kumpanija nizzlitu bhala "redundant". Il-bniedem li dahal warajh is-sur Jesmond Mallia ammetta hu stess meta xehed li hu dahal wara l-appellant. Qal li bazikament qieghed jitlob huwa dikjarazzjoni, ma jridx *re-instatement* jew *re-employment* ghaliex ma hix l-intenzjoni tieghu peress li fejn qieghed hu ghal qalbu. Kull ma qed jitlob hu dikjarazzjoni li gie mkecci ngustament u jinghata kumpens xieraq.

**Konkluzzjoni u Decizjoni**

Dan il-kaz kien bazat dwar jekk l-appellant kien verament "redundant" jew kienx irrizenja. Il-kumpanija sostniet il-pozizzjoni taghha li l-appellant gie mghoti n-"notice" u gimgha wara l-avviz tan-"notice" l-appellant mar ghand is-sur J. Debattista, General Manager u qallu li kien sab post u ried li jitlaq immedjatament. Ghal dan l-agir il-kumpanija tghid li l-appellant telaq mill-impjieg waqt li kien ghadu fiz-zmien tan-"notice". Il-kumpanija accettat it-talba tieghu u hallsitu ta' kull ma kien dovut bla ma zammet ebda dritt mghoti mill-Ligi.

Min-naha tieghu l-appellant jargumenta illi hu gie "redundant" ghax kien hemm iehor li dahal warajh u ghadu fil-post.

It-Tribunal wara li kkunsidra l-fatti kollha kif elevati mix-xhieda nkluz ix-xhieda tal-appellant jiddeciedi illi l-appellant telaq minn rajh (irrezenja) mill-impjieg tieghu waqt li kien ghadu fit-terminu tan-notice. Tluq mill-impjieg waqt it-terminu tan-"notice" ghandu jigi meqjus illi l-impjegat ikun ghadu fl-impjieg bl-aktar mod regolari u ghalhekk jirrizulta li l-appellant halla l-impjieg bil-volonta' tieghu.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin liri Maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------
**Alphonse Caruana**
**CHAIRMAN**

---------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**

mrg